**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti)**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag.Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dr. Mario Cuschieri)**

**-vs-**

**Atanas Stanchev Yorgov**

**Illum 28 ta' Settembru, 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil Atanas Stanchev Yorgov, ta' nazzjonalita' Bulgara, detentur tal-Karta tal-Identita` Bulgara 64260356, tal-Karta tal-Identita` Maltija numru 0071660A u tal-permess ta' residenza numru MT5500212, aktar il-quddiem imsejjah l-estradant;

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* mahrug fuq talba tal-Qorti Distrettwali ta' Wroclaw, fil-Polonja, pajjiz skedat a tenur ta' l-Artikolu 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), u l-Mandat ta' Arrest Ewropew datat it-22 ta' Marzu, 2017, mahrug mill-istess awtorita` fil-konfront tal-estradant, u wara li rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 7 ta' l-istess Ordni mahrug fit-12 t'April, 2017;

Wara li rat il-verbal ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-11 ta' Settembru, 2017;

Wara li semghet lill-estradant jiddikjara li qed jaghti l-kunsens tieghu sabiex tintbaghat lura il-Polonja u li mhux qed jirrinunzja ghad-dritt ta' specjalità koncess ai termini ta' l-Artikolu 18 ta' l-Ordni fuq imsemmi;

Wara li spjegat lill-estradant l-import ta' l-Artikolu 43 ta' l-Ordni, u gie assigurat li d-disposizzjonijiet tal-istess artikolu gew osservati u miftehma mill-estradant;

Wara li rat l-artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, kif rez applikabbli bl-artikolu 44 ta' l-Ordni;

Tordna li ai temini tal-artikolu 45 ta' l-Ordni Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), l-estradant ghandu jinzamm taht arrest sabiex jitregga' lura lejn il-Polonja fi zmien ghaxart ijiem millum.

**MAGISTRAT**